MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 622/2000/1

**Ir-Reverendu Dun Karm Busuttil (ID Nru. 488059M).**

**vs.**

**Anthony Caruana (ID Nru. 777452M).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-appell tar-Reverendu Dun Karm Busuttil (ID Nru 488059M) datat 3 ta’ Lulju 2009 a fol. 279 tal-process fejn ippremetta:-

Illi b'sentenza taghha tal-15 ta' Gunju 2009 fl-ismijiet premessi, il-Qorti tal-Magistrati wara li:-

Rat li b'avviz, ir-Reverendu talab lil din il-Qorti:-

*"tikkundanna lill-konvenut li jhallsu in linea ta' danni s-somma ta' tliet mija u tmenin lira Maltija (Lm380) billi pprovoka proceduri penali fil-konfront tal-attur u dan b'qerq jew bi htija meta ma kienet tezisti l-ebda raguni valida ghat-tehid ta' proceduri bhal dawn, konkjuzi bil-liberazzjoni tal-istanti bid-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Lulju 1997.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Frar 2000 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni."*

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa :-

*1. Illi qabel xejn, l-attur ghandu fuqu l-piz u l-oneru li jipprova l-allegazzjoni ta' qerq jew htija u li ma kinitx tezisti raguni valida ghall-proceduri;*

*2. Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju tal-premess, l-azzjoni hija nfondata fid-dritt u fil-fatt; mhix minnha l-allegazzjoni ta' qerq jew htija, jew li ma kinetx tezisti raguni valida ghall-proceduri; l-esponent agixxa fuq konsult legali, u d-decizjoni jekk jittiehdux il-proceduri kienet fil-gurisdizzjoni esklussiva tal-awtorita` tal-Pulizija u tal-Avukat Generali li nvestigaw u hadu d-decizzjoni li jipprocedu, f'liema decizjoni l-esponent ma kellux sehem;*

*3. Illi effettivament il-proceduri gew provokati mill-agir tal-attur, kif jigi sottomess waqt is-smigh tal-kawza;*

*4. Illi minghajr pregudizzju tal-premess l-azzjoni ezercitata mill-attur hija perenta a tenur tal-**artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap 16);***

*5. Illi ghalhekk u fi kwalunkwe kaz, id-domanda ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-attur; b'riserva ta' kull eccezzjoni ohra jekk ikun il-kaz u ghad-danni kontra l-attur.*

Illi ghalhekk l-istess Qorti tal-Magistrati qatghet u ddecidiet il-15 ta' Gunju 2009 il-kawza billi:-

*“tilqa’ r-raba’ eccezzjoni ta' preskrizzjoni tal-konvenut, tichad it-talba tal-attur, bl-ispejjez kontra tieghu.”*

Illi l-esponent hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha qieghed jinterponi dan l-umli appell tieghu;

Illi l-aggravju tieghu huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:-

1. Illi peress li l-Qorti Kriminali fis-sentenza tas-7 ta' Lulju 1997 irreferiet ghax-xhieda ta' Anthony Caruana, fejn qalet li *“...din il-Qorti ma tistax tittolera agir simili illi tigi uzata ghal skopijiet parteggani u li jigi utilizzat l-kamp serjissimu tal-ligi kriminali sabiex titqieghed pressjoni fuq persuna”* u fis-sentenza din il-Qorti Kriminali ddeskriviet l-agir tal-konvenut bhala att kriminali *per se* u hegget lill-Pulizija biex tinvestiga lill-konvenut, allura ghandu japplika l-**artikolu 2154 (1)** ghal-kaz odjern u mhux l-**artikolu 2153** kif iddecidiet il-Qorti tal-Magistrati peress li hawnhekk *si tratta* minn reat punibbli kriminalment. Fil-fatt, l-**artikolu 2154 (1)** jghid illi *“il-preskrizzjoni tal-azzjoni civili ghall-hlas tal-hsarat ikkagunati b'reat, ghandhom jitharsu r-regoli li hemm fil-Kodici Kriminali, ghall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali.”*

Min dan jidher car illi hemm kontradizzjoni fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li applikat l-**artikolu 2153** li tirreferi ghal azzjonijiet ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b’reat, filwaqt li fil-kaz odjern jidher car illi jinvolvi att kriminali minhabba r-rapport falz.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Joseph Bonello u Ronald Bonello** u b’digriet tas-6 ta' Mejju 2002 gie kjamat fil-kawza Paul Mallia u b’digriet tal-21 ta' Gunju 2002 giet kjamata in kawza s-socjeta` Citadel Insurance plc, deciza fit-8 ta’ Ottubru 2004, il-Prim’Awla tal-Qorti Civili ezaminat l-eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza Paul Mallia rigward il-preskrizzjoni tal-azzjoni *a tenur* tal-**artikolu 2153** fejn il-ligi u l-gurisprudenza jiddistingwu tliet kazijiet ta' danni. L-ewwel wahda tirreferi ghall-**artikolu 2154** fejn id-danni jirrizultaw minn *“reati veri u proprji*

*ossija minn fatti punibbli kriminalment, f'liema kaz il-preskrizzjoni civili hija dik tal-azzjoni kriminali"*. Din il-Qorti ghalhekk kienet tal-fehma illi l-**artikolu 2154** japplika ghal reat li fil-potenzjalita` tieghu huwa punibbli kriminalment u mhux necessarjament ghal reat li fattwalment gie punit fi proceduri kriminali. It-tieni kap ta' danni li l-Qorti irreferiet ghalih f'dik is-sentenza jirreferi ghall-**artikolu 2153** fejn id-danni jirrizultaw minn fatti li ma humiex reati, u lanqas inadempjenza kontrattwali, cjoe` dawk derivanti minn kolpa akwiljana, f'liema kaz il-preskrizzjoni applikabbli tkun dik ta' sentejn. Issa l-kulpa akwiljana tolqot kazijiet fejn *si tratta* dwar delitti jew kwazi- delitti mentri fil-kaz odjera rapport falz la jikkostitwixxi delitt u lanqas kwazi-delitt fis-sens li trid il-ligi. It-tielet kap ta' danni stabbilit fil-gurisprudenza jirreferi ghal danni li jidderivaw minn inadempjenza kontrattwali li lanqas ma huwa relevanti ghal-kaz odjern.

Min dan jirrizulta car daqs il-kristall illi fil-kaz odjern billi huwa stabbilit illi l-agir tal-konvenut huwa reat kriminali per se allura l-perjodu ta' preskrizzjoni stabbilit fil-Kodici Kriminali huwa applikabbli *a tenur* tal-**artikolu 2154 tal-Kap. 16**.

Ghaldaqstant l-esponenti fil-waqt li jaghmel riferenza ghall-provi gia prodotti u jirrizerva li jtella' dawk il-provi kollha permessi bil-ligi, inkluz ghas-subizzjoni tal-konvenuti ghal liema huma gia msejhin, jitlob bir-rispett li din l-Qorti joghgobha tirrevoka l-precitata sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Gunju 2009, fil-kawza fl-ismijiet premessi u b'hekk tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' it-talbiet tal-attur, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

Rat l-inkartament ta' dan il-kaz gie mdahhal fl-atti ta' din il-kawza fid-data tal-15 ta' Lulju 2009.

Rat ir-risposta tal-appell tal-konvenut Anthony Caruana (ID Nru. 488059 (M)) datata 16 ta' Lulju 2009 a fol 258 tal-process fejn espona bir-rispett:-

Illi s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati nhar il-15 ta' Gunju 2009 hija gusta u timmerita konferma u fil-mertu l-appell interpost mill-attur ghandu jigi respint ghar-ragunijiet illi ser jigu spjegati f'din ir-risposta;

Illi l-aggravju tal-attur appellant huwa in sintezi illi l-ewwel Onorabbli Qorti zbaljat meta laqghet il-preskrizzjoni taht l-**artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** peress illi - dejjem skont l-attur appellanti - kien japplika l-**artikolu 2154 tal-Kapitolu 6 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi dan l-aggravju huwa kompletament infondat kemm fil-fatt u fid-dritt ghal dawn ir-ragunijiet:

(1) Fl-ewwel lok, mhuwiex minnu illi ma japplikax l-**artikolu 2153 tal-Kapitolu 16** u minfloku japplika l-**artikolu 2154** u dana peress illi, kif jinghad fi-sentenza kkwotata mill-attur appellanti fir-rikors tal-appell tieghu stess, fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Joseph Bonello u Ronald Bonello et** l-**artikolu 2154 tal-Kapitolu 16** japplika biss fejn ikun hemm **"reati veri u proprji ossija fatti punibbli kriminalment, fl-liema kaz il-preskrizzjoni civili hija dik tal-azzjoni kriminali".**

Issa fil-kaz odjern mhux talli ma gie kommess l-ebda reat veru u proprju mill-esponenti izda talli wkoll gie ppruvat illi l-Pulizija ezekuttiva ma hadu ebda passi kontra l-konvenut. Il-fatt illi fis-sentenza tas-7 ta' Lulju 1997 il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ddepplorat lill-esponenti, dan ma jfissirx illi l-esponenti ghamel xi reat. Ta' min jghid illi, bir-rispett kollu dovut, il-kummenti ta` dik il-Qorti kienu xi ftit jew wisq barra minn lokhom *stante* illi l-esponenti ma kienx imputat u certament ma kenitx qieghda tigi mistharrga l-imgieba tieghu.

Illi ghalhekk, l-attur appellant ma huwiex legalment korrett meta jipprova jsostnu t-teorija legali tieghu fuq merament dak illi l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kkummentat *obiter* fis-sentenza taghha. *Obiter dicta* ma jrendix lill-esponenti hati tal-ebda reat veru u proprju, kif tghid il-gurisprudenza, u ghalhekk ma japplikax

l-**artikolu 2154 tal-Kapitolu 16** izda japplika l-**artikolu 2153 tal-Kodici Civili**.

Illi ulterjorment u in sostenn ta' din l-pozizzjoni l-esponenti jixtieq jirrileva illi mputat (huwa qatt ma kien imputat ghall-agir addebitat lilu) jibqa' prezunt innocenti sal-mument illi fih jinstab hati, jekk ikun il-kaz. Ghalhekk l-esponenti huwa perpless bir-ragunament tal-attur appellanti li jippretendi li japplika artikolu tal-preskrizzjoni (l-**artikolu 2154**) applikabbli ghal reati kriminali meta huwa ma gie qatt akkuzat b'tali rejat. Dan kollu qieghed jinghad minghajr pregudizzju ghall-fatt illi kienet Giuditta Bonnici u mhux l-esponenti illi kitbet lill-Pulizija sabiex jittiehdu passi kontra l-attur appellanti.

Illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skont l-**artikolu 2153 tal-Kodici Civili** hija sorretta mill-provi fil-kawza odjerna peress illi d-danni pretizi mill-attur appellanti - jekk qatt jistghu jissejhu danni - huma l-import ta' tliet *cheques* imhallsa lill-konsulenti legali u datati l-31 ta' Mejju 1996; 26 ta' Mejju 1997 u 18 ta' Lulju 1997 mil-liema dati sal-ittra ufficjali tal-14 ta' Frar 2000 kien ghadda l-perjodu preskrittiv ta' sentejn bil-bosta.

(2) Illi sussidjarjament u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, l-esponenti jirrileva illi semma’ - fl-aghar ipotezi -kellu jintlaqa' l-aggravju sollevat mill-attur appellant, din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex tichad l-eccezzjonijiet kollha attrici kif mitlub fir-rikors tal-appell. Is-sentenza ghandha tigi revokata u l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni michuda u l-atti mibghuta lura lill-ewwel Onorabbli Qorti ghat-trattazzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra u l-ebda wahda mill-partijiet ma tigi pprivata mid-dritt tad-doppju ezami.

Mill-bqija u a skans ta’ ripetizzjoni, l-esponenti jaghmel ampja referenza ghan-nom ta’ sottomissjonijiet ipprezentati minnu quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-appell interpost mill-attur appellanti u konsegwentement tikkonferma s-

sentenza appellata fl-*intier* taghha, bl-ispejjez ta’ din l-istanza wkoll kontra l-attur appellant.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras fit-23 ta’ Ottubru 2009 fejn peress illi l-istess Imhallef hekk sedenti kien jippatrocinja lill-attur f’din il-kawza, il-Qorti rat l-**artikolu 734 (d) tal-Kap 12**, u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta’ dan l-appell u rrimandat l-atti lir-Registratur tal-Qrati biex dan jassenja l-appell lill-Imhallef minnu desinjat. Il-Qorti ordnat il-kancellament ta’ dan l-appell minn fuq il-lista taghha.

Rat is-surroga datata 30 ta’ Ottubru 2009 mis-Sinjorija Tieghu l-Onerevoli Prim Imhallef Vincent De Geatano sabiex dan l-appell jigi mismugh u deciz minn din il-Qorti kif presjeduta.

Rat li dan l-appell gie appuntat fit-3 ta’ Novembru 2009 quddiemha ghas-smigh ghas-seduta tal-1 ta’ Dicembru 2009.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti datat l-1 ta’ Dicembru 2009 fejn id-difensuri trattaw l-appell u l-appell gie differit ghas-sentenza ghal 25 ta’ Marzu 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-attur appellanti kien ghamel kawza kontra l-konvenut fejn talab li jithallas ammont ta’ danni li huwa sofra ghaliex huwa allega li l-konvenut kien ipprovoka proceduri penali fil-konfront tieghu u dan b’qerq jew bi htija meta ma kienet tezisti l-ebda raguni valida ghat-tehid ta’ proceduri bhal dawn, tant li l-istess attur gie liberat b’decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati datata 7 ta’ Lulju 1997.

Illi fost l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut kien hemm dik tal-preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 2153,** u b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 15 ta' Gunju 2009 giet milqugha din l-eccezzjoni.

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li l-preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 2153 tal-Kap. 16** ma kinitx tapplika ghall-kaz *de quo* u dan peress li d-danni li qed jintalbu mill-attur appellant minghand il-konvenut appellat huma naxxenti minn atti li jikkostitwixxu reat, tant li l-atti tal-konvenut gew deskritti fis-sentenza li lliberat lill-attur bhala atti kriminali u saret riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Joseph Zammit vs Joseph Bonello et"** (P.A. – 8 ta' Ottubru 2004) fejn inghad li l-**artikolu 2154** japplika fil-kaz ta' fatti li fil-potenzjalita' tieghu jikkostitwixxi reat punibbli kriminalment u mhux necessarjament ghal reat li fattwalment gie punit fi proceduri kriminali. L-appellant allura jghid li ladarba d-danni pretizi huma naxxenti mill-att kriminali ta' rapport falz, mela allura l-preskrizzjoni eccepita a bazi tal-**artikolu 2153** ma hijiex applikabbli ghall-kaz in ezami.

Illi l-appellat jopponi dan l-argument tal-appellant billi jsostni li l-**artikolu 2154** japplika biss fil-kaz ta' *"reati veri u proprji ossija fatti punibbli kriminalment, fl-liema kaz il-preskrizzjoni civili hija dik tal-azzjoni kriminali"* u dan kif gie deciz fis-sentenza citata ta' **"Joseph Zammit vs Joseph Bonello et"** (P.A. – 8 ta' Ottubru 2004). F'dan il-kaz ma gie kommess ebda reat tant li l-istess pulizija qatt ma hadu ebda passi kontra l-konvenut appellat. Ghalhekk f'dan il-kaz japplika l-**artikolu 2153.** Jghid ukoll li fil-kamp kriminali kull persuna hija prezunta li hija nnocenti u ladarba qatt ma gie akkuzat b'reat mela allura presumibilment ma jistax ikun hemm allegazzjoni ta' reat fil-konfront tieghu li jaghti aditu ta' danni; u dan apparti li d-danni reklamati huma portata ta' tliet *cheques* li jikkonfermaw li d-danni huma ta' natura civili. Fl-ahharnett isostni li jekk l-appell jintlaqa', is-sentenza ghandha tigi revokata u l-atti mibghuta lill-Ewwel Qorti sabiex jigi kkonsidrat il-kaz fil-mertu fid-dawl tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut, u dan sabiex l-ebda parti ma tigi privata mid-dritt ghall-kontro-ezami.

Illi ghalhekk essenzjalment l-appell odjern huwa fis-sens li l-preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 2153 tal-Kap 16** ma tapplikax ghall-kaz *de quo*, u dan peress li l-atti li dwarhom qed jintalbu d-danni f'din il-kawza jikkostitwixxu reat, mentri l-**artikolu 2153** jirreferi biss ghall-azzjoni ta' danni naxxenti minn kulpa akwiljana li ma jikkostitwux reat.

Illi din il-Qorti tirrileva li fis-sentenza appellata inghad li jidher li s-sentenza giet ibbazata fuq il-konsiderazzjoni li ghalkemm il-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza citata fl-avviz iccensurat bil-kbir l-operat tal-konvenut, mkien ma jirrizulta li l-istess konvenut instab hati ta' xi qerq jew rapport falz; kompliet li l-kaz isib analogija mal-kaz fl-ismijiet **"Mario Galea vs John Attard et"** (P.A. (PS) – 26 ta' Mejju 2004) fejn jinghad li f'dan il-kaz la darba dik il-Qorti f'dik is-sentenza kienet iddecidiet li t-terminu ta' sentejn ghal preskrizzjoni taht l-artikolu 2153 kellu jibda jghaddi mid-data tas-sentenza li kkonfermat li l-kjamat fil-kawza kien ghamel rapport falz u mhux mid-data tal-incident, mela allura f'dan il-kaz it-terminu ta' preskrizzjoni skont l-**artikolu 2153** kellu jibda jiddekorri mid-data ta' meta inghatat is-sentenza fil-konfront tal-attur odjern u ladarba l-kawza odjerna saret fil-15 ta' Mejju 2000, dan huwa iktar mis- sentejn stabbiliti fl-**artikolu 2153** u allura laqghet l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

Illi fid-dawl tal-appell odjern din il-Qorti thoss li jidher car li bir-rispett dovut lejn l-Ewwel Qorti, dak li kellu jigi deciz kien jekk fl-ewwel lok kinitx applikabbli l-preskrizzjoni eccepita skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 2153,** u dan qabel ma jigi deciz il-punt meta jidba jghaddi t-terminu ta' preskrizzjoni, dan ghaliex dan it-tieni kwezit jippresopponi l-applikazzjoni idonea tal-imsemmi artikolu ta' preskrizzjoni.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li bil-mod kif inhi mibnija l-azzjoni attrici din hija talba ta' danni naxxenti minn allegazzjoni ta' rapport falz li l-attur qed isostni li ghamel il-konvenut fil-konfront tal-attur li wasslu ghall-proceduri kriminali kontra l-attur li kkulminaw fis-sentenza **"Il-Pulizija (Spettur Peter Cordina) vs Reverendu**

**Carmel Busuttil"** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-7 ta' Jannar 1997 presjeduta mill-Magistrat Carol M. Peralta.

Illi dwar dan ma hemm ebda ombra ta' dubju tant li fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu quddiem l-ewwel Qorti l-konvenut dan fehmu tant li jirreferi ghall-**artikolu 110 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta** (fol. 262). Illi f'dan il-kuntest jirrizulta car li l-atti allegatament kommessi mill-konvenut li wasslu ghal talba ta' danni *da parte* tal-attur huma naxxenti minn allegati atti li jikkostitwixxu reat skont id-disposizzjonijiet relattivi tal-ligi kriminali, u l-azzjoni attrici hija mposta b'dan il-mod, fejn sar referenza ghal dak li l-inghad f'dan ir-rigward fis-sentenza tal-istess Qorti ta' kompetenza kriminali.

Illi kif inghad fis-sentenza **"Joseph Zammit vs Joseph Bonello et"** (P.A. (GV) – 8 ta' Ottubru 2004) ghall fini ta' preskrizzjoni l-Ligi u l-gurisprudenza jiddistingwu tlett kazi ta' danni:-

*"1. dawk li jigu minn reati veri u proprji ossija minn fatti punibbli kriminalment, f'liema kaz il-preskrizzjoni civili hija dik tal-azzjoni kriminali; Art. 2154".*

*"2. dawk li jigu minn fatti li ma humiex reati, imma ma' humiex lanqas inadempjenza kontrattwali, cjoe' dawk derivanti minn kolpa akwiljana, f''liema kaz il-preskrizzjoni hija ta' sentejn – artikolu 2153 – u fl-ahharnett"*

*"3. dawk li jidderivaw minn inadempjenz kontrattwali, f'liema kaz hi applikabbli l-preskrizzjoni ta' l-istess obbligazzjoni Vol. 12 p 144; Vol. 17 p1 p 151; Vol. 21 p1 p528; Vol 24 p2 p582; Vol 37 p 1 p140; Vol XLVII p3 p193 u ohrajn".*

Illi saret riferenza ghas-sentenza **"Tabone vs Zammit"** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Ottubru 1971 fejn il-Qorti rriteniet li fil-kaz ta' danni sofferti b'konsegwenza ta' incident stradali li fiha l-attur allegatament sofra debilita' permanenti l-preskrizzjoni applikabbli hija dik kontemplata fl-**artikolu 2154.**

Illi l-istess Qorti kkonkludiet li ladarba d-danni reklamati huma provenjenti minn reat kommess mill-kontroparti, l-preskrizzjoni applikabbli hija skont l-imsemmi artikolu 2154 u allura l-preskrizzjoni indikati ghall-azzjoni kriminali. Tal-istess portata hija s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Carmelo sive Charles Micallef St. John et vs Richard Spiteri et"** (A.C. – 15 ta' Jannar 2002) fejn inghad li ladarba l-mertu tal-kawza huwa omicidju involontarju, u dan kien kaz ta' incident stradali li kien jaqa' wkoll taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 225 tal-Kap. 9,** mela allura l-preskrizzjoni applikabbli civilment ma kinitx **dik** skont l-**artikolu 2153,** izda dik skont l-**artikolu 2154.** F'dan is-sens ukoll hija s-sentenza **"Maria Agius proprju et nomine vs Kummissarju tal-Pulizija et"** (P.A. (GCD) – 3 ta' Mejju 2002).

Illi tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet **"John Grech vs Ivan Mifsud et"** (P.A. (JRM) – l-1 ta' April 2003) fejn inghad *"li l-ligi taghraf tliet ghamliet ta' azzjoni ta' danni, u jigifieri: (a) azzjoni dwar hsarat imnissla minn ghemil li jikkostitwixxi reat, f'liema kaz, iz-zmien ta' preskrizzjoni huwa dak imfisser mill-ligi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni ghall-hsarat imnisslin minn delitt jew kwazi-delitt (l-hekk imsejha culpa aquiliana), f'liema kaz il-preskrizzjoni hija ta' sentejn – principju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili; u (3) azzjoni ghall-hsarat imnissla minn nuqqas ta' twettiq ta' kuntratt li mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema kaz il-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin (Micallef noe vs Cassar – Vol. XXXVII.i.40 – A.C. 27 ta April 1953)".*

Illi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li dak li huwa relevanti ghad-determinazzjoni tal-preskrizzjoni applikabbli ghall-kawzi civili dwar hlas ta' danni huwa jekk il-fatti allegati li gew kommessi mill-konvenut jikkostitwux reat jew semplici negligenza civili jew responsabbilta' civili, u dan indipendentement mill-fatt jekk fil-kaz in ezami kinux ittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tal-konvenut, u lanqas fil-kaz li ttiehdu jekk il-konvenut kien instabx hati jew le – u dan anke minhabba l-indipendenza li hemm fis-sistema taghna bejn azzjoni civili u azzjoni kriminali. Dak li

allura huwa relevanti ghall-kaz in ezami huwa jekk il-premessi u l-kawzali li fuqha l-azzjoni hija mposta jammontawx ghal deskrizzjoni ta' atti li jikkostitwixxu reat allegatament fil-konfront tal-konvenut, u fil-kaz odjern ma hemmx dubju li l-azzjoni ta' danni hija ppermjeta fuq l-allegazzjoni li l-konvenut ghamel rapport falz fil-konfront tal-attur, u allura l-preskrizzjoni applikabbli ma hijiex dik eccepita skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 2153 tal-Kap. 16.**

Illi f'dan il-kuntest jinghad li r-referenza li saret mill-Ewwel Qorti ghas-sentenza **"Mario Galea vs John Attard et"** (P.A. (PS) – 26 ta' Mejju 2004) hija zbaljata u dan peress li l-premessi f'dik il-kawza kienu dwar semplici incident awtomobilistiku u mhux dwar rapport falz – u kull ma kien qed jigi determinat kien biss jekk l-azzjoni saritx fit-terminu mpost fl-**artikolu 2153** fid-dawl tal-premessi hemm indikati, premessi fil-kawza li ma kinux jikkostitwixxu l-elementi ta' allegat reat. Allura dan ifisser li l-anologija rispekkjata mill-Ewwel Qorti tal-kaz ma' dak indikat f'dik u s-sentenza kien ukoll zbaljat. Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti thoss u qed tiddeciedi li tilqa' l-appell kif impost fis-sens li fil-kaz in ezami l-preskrizzjoni applikabbli ma hijiex dik a bazi tal-artikolu 2153, b'dan ghalhekk li din il-Qorti qed tirrevoka u thassar ghal kull effett u buon fini tal-ligi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet premessi datata 15 ta' Gunju 2009 fejn laqghet ir-raba' eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni tal-konvenut u fejn cahdet it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-attur, b'dan li minflok qed tichad ir-raba' (4) eccezzjoni tal-konvenut ta' preskrizzjoni skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 2153 tal-Kap. 16,** u tirrinvija u tibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati, sabiex tkompli tisma' l-kaz fil-mertu tat-talba attrici u l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appell tal-konvenut appellat Anthony Caruana datata 16 ta' Lulju 2009 biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak

hawn deciz, u filwaqt li **tilqa' l-appell tal-appellanti R-Reverendu Dun Karm Busuttil fir-rikors tieghu tal-appell datat 3 ta' Lulju 2009** in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, u konsegwentement thassar is-sentenza appellata fl-ismijiet premessi datata 15 ta' Gunju 2009 fejn laqgghet ir-raba' eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni tal-konvenut u fejn cahdet it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-attur, b'dan li minflok qed tichad r-raba' (4) eccezzjoni tal-konvenut ta' preskrizzjoni skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 2153 tal-Kap. 16,** u tirrimetti u tibghat l-atti lura lill-Ewwel Qorti, l-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, ghat-trattazzjoni u decizjoni minnha dwar il-mertu tat-talba attrici u l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat Anthony Caruana.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------